# Protagonisti ta' l-Inkurunazzjoni fl-1975:

*Fl-okkażjoni tal-25 anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni tal-Kwadru ta' l-Assunta tal-Kor tar-Rotunda, xtaqna nieħdu l-ħsibijiet u l-impressjonijiet tal-protagonisti prinċipali ta' dak l-avveniment uniku. U wieħed mill-protagonisti per eċċellenza ċertament li kien l-Arċipriet ta' dak iż-żmien, Dun Bartolomeo Bezzina, illum Monsinjur Dun Bert, kif aktar nafuh familjarment aħna l-Mostin. Għalhekk xtaqna nieħdu din l-opportunità u nagħmlulu intervista, (li żvolġiet f'waħda differenti u interessanti ferm), ħalli nsiru nafu eżattament kif ġraw l-affarijiet 25 sena ilu (u iktar!) dwar avveniment hekk importanti fl-istorja tal-Mosta.*

# Il-Monsinjur Dun Bert Bezzina

*intervistat minn* ***Frans DEGUARA***

***Mons., fiż-żmien li inti kont Arċipriet tal-Mosta saru festi kbar li għadhom jissemmew sal-lum, fl-okkażjoni ta' l-Inkurunazzjoni tax-Xbieha ta' l-Assunta meqjuma fil-kwadru tal-Kor tar-Rotunda. Iżda kif verament nibtet l-idea ta' din l-Inkurunazzjoni?***

Ix-xewqa għall-Inkurunazzjoni tax-Xbieha ta' Marija Mtellgħa s-Sema meqjuma fil-kwadru tal-Kor tar-Rotunda tal-Mosta, kienet ilha tħeġġeġ fil-qalb tal-Mostin. Imma kienet waslet okkażjoni sabiħa ħafna li fiha x-xewqa tal-Mostin setgħet tiġi maqtugħa. Kienet qed toqrob il-ġrajja tal-25 Anniversarju ta' meta l-Papa Piju XII, fl-01 ta' Novembru 1950, ipproklama bħala Domma ta' fidi l-verità li l-Verġni Marija Omm Alla, wara li temmet il-qagħda tagħha fid-dinja, ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Domma ta' fidi tfisser verità rrivelata minn Alla li kull nisrani għandu jemmen.



Kienet għadha s-sena 1973, imma ħsibna minn kmieni. F'waħda mil-laqgħat tal-presbiterju parrokkjali, iddiskutejna l-idea tal-Inkurunazzjoni, u ġie deċiż li nwasslu din ix-xewqa tal-poplu tal-Mosta lil Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta.

Fl-ewwel laqgħa li kelli miegħu, għarraftu bix-xewqa kbira li għandu l-poplu tal-Mosta li fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju tad-domma ta' l-Assunta, tiġi inkurunata x-xbieha ta' l-Assunta meqjuma fil-kwadru tal-Kor tal-Mosta. L-Arċisqof qalli biex issir petizzjoni, talba mill-presbiterju u l-poplu tal-Mosta, biex meta jmur Ruma jippreżentha lill-Awtoritajiet tal-Knisja f'Ruma.

Jiena għarraft b'dan kollu lill-presbiterju parrokkjali u qbilna li nagħtu l-inkarigu li jifformola din il-petizzjoni lill-għaref saċerdot Mosti, Dun Karm Schembri, li min-naħa tiegħu laqa' bil-qalb l-inkarigu li tajnieh.

Xtaqt insemmi żewġ dettalji marbutin ma' din il-petizzjoni. Il-petizzjoni kienu ser jiffirmawha s-saċerdoti tal-Mosta f''isem il-poplu tal-Mosta. Meta beda joqrob iż-żmien li l-Arċisqof imur Ruma, is-saċerdoti kollha iffirmaw il-petizzjoni. Kien fadal tnejn: wieħed Dun Ġużepp Camilleri li ma kienx joħroġ mid-dar u Dun Ġwann Caruana li kien Viċi Kappillan f'San Ġiljan.

Niftakar tajjeb: Kien hawn l-Arċisqof Macarios, President ta' Ċipru, qed jagħmel żjara f'Malta. Dak il-jum f'Ottubru, kellu jgħaddi mill-Mosta, iżda ma kienux jafu jekk hux ser jidħol jara l-Knisja tagħna. Qaluli biex inkun għal lest. Wara ġieni messaġġ li l-Arċisqof Macarios iddeċieda li jidħol jżur il-Knisja. Ilqajtu fuq iz-zuntier, dawwartu l-Knisja, ra l-bomba, ammira l-kobor u s-sbuħija tal-Knisja u wassaltu lura sal-karozza tiegħu. Kif telaq, jiena bqajt sejjer id-dar ta' Dun Ġużepp Camilleri biex nġibor il-firma tiegħu.

Kien jonqos il-firma ta' Dun Ġwann Caruana, imma kelli moħħi mistrieħ għax l-Arċisqof Gonzi kellu jsiefer għal nofs il-ġimgħa. Kien is-Sibt fil-għaxija meta nħsadt bl-aħbar li l-Arċisqof biddel il-ġurnata tat-tluq tiegħu għal Ruma u kien ser isiefer l-għada, il-Ħadd kmieni wara nofs inhar. Ċempilt malajr il-Palazz ta' l-Arċisqof u għarraftu li l-Ħadd fil-għodu ser neħodlu l-petizzjoni għall-Inkurunazzjoni biex jeħodha miegħu Ruma.

Il-Ħadd, wara l-Quddiesa tad-9.00, mort l-ewwel San Ġiljan fejn ġbart l-firma ta' Dun Ġwann Caruana u minn hemm bqajt sejjer il-Palazz ta' l-Arċisqof fejn tajtu d-dokument tal-Petizzjoni biex jieħdu miegħu Ruma.



L-Arċisqof Ċiprijott Macarios ma' l-Arċipriet Dun Bert Bezzina f'Ottubru 1973.

Għadda ż-żmien u kont f'laqgħa tal-Kappillani li saret għand il-Ġiżwiti, Tarġa Cap, u għal din il-laqgħa ġie Mons. Arċisqof Gonzi. Malli rani qalli li kellu aħbar tajba x'jagħtini, għax il-Petizzjoni għall-Inkurunazzjoni ġiet milqugħa minn Ruma u qalli biex immur niġbor id-dokumenti uffiċjali li kienu ffirmati fil-Vatikan fit-12 ta' Diċembru 1973.

Din hi l-ġrajja ta' kif nibtet u żviluppat l-idea tal-Inkurunazzjoni.

***Il-poplu tal-Mosta, kif sar jaf b'din l-aħbar u kif laqgħha l-aħbar tal-Inkurunazzjoni?***

Kien is-Sibt, 26 ta' Jannar 1974, meta fl-aħħar tal-Quddiesa ta' fil-għaxija tajt l-aħbar sabiħa lill-poplu li laqgħha b'ferħ kbir u ċapċip, u avżajt ukoll li fil-15 ta' Frar 1974 ser issir quddiesa ta' ringrazzjament u jinqara d-dokument uffiċjali ta' l-Inkurunazzjoni.

Il-Ġimgħa 15 ta' Frar saret Quddiesa sollenni ta' ringrazzjament u fl-aħħar tal-quddies inqara d-dokument li awtorizza l-Inkurunazzjoni tax-Xbieha ta' l-Assunta meqjuma fil-kwadru tal-Kor fil-Knisja tal-Mosta.

Il-poplu li nġabar bi ħġaru għal dik il-quddiesa ta' radd il-ħajr, wara li sema' l-qari tad-dokument, infexx f'ċapċip twil u repetut biex ifisser il-ferħ u l-apprezzament tiegħu.

Biex tkompli tkabbar il-ferħ ta' dik l-okkażjoni, il-**Banda Nicolò Isouard** għamlet marċi mat-toroq tal-Mosta.

Mill-ewwel middejna għonqna għax-xogħol ta' l-organizzazzjoni. Il-Presbiterju Parrokkjali tal-Mosta ġie nkarigat mill-organizzazzjoni tal-Festi Interni u Reliġjużi u twaqqaf Kumitat biex jieħu ħsieb il-festi esterni.

Kien hemm quddiemna ħidma iebsa u sagrifiċċji biex setgħa jitfassal u jitwettaq programm hekk ambizzjuż u mifrux fuq medda ta' sbatax-il jum.

***Mons., nafu li kienu saru festi kbar u niftakar tajjeb ħafna minnhom, iżda għalik liema kienu l-ġrajjiet prinċipali li laqtuk l-iżjed f'dawk il-festi li saru u x'impressjonijiet ħallewlek?***

Il-ġrajjiet kollha kienu sbieħ u kollha twettqu tajjeb ħafna għax kienu organizzati bid-dettalji tagħhom. Ma rridx intawwal iżżejjed, biex insemmi kollox. Għażilt li nitkellem fuq tlett ġrajjiet prinċipali:

* **Il-Lejl Marjan**
* **Jum l-Inkurunazzjoni**
* **Jum l-Assunta**

**A. Il-Lejl Marjan**

Biex organizzajnieh swielna ħafna xogħol, imma x-xogħol li ħadna ġie mbierek mis-suċċess li nkiseb. Dak inhar, it-**2 ta' Awwissu 1975**, il-Konċelebrazzjoni fil-Knisja kienet immexxija mill-Wisq Reverendu Provinċjal Patri Elija Vella tal-Franġiskani Minuri Konventwali flimkien mal-Komunità tiegħu. Għaliex matul il-Kwindiċini, kien ikun hemm Konċelebrazzjoni mmexxija minn xi komunità li kellha x-Xbieha ta' xi madonna Inkurunata.

Malli spiċċat il-Konċelebrazzjoni, għal xi 8.30 pm., ħarġet mill-Knisja l-Istatwa ta' Santa Marija akkompanjata mill-Kleru u l-poplu tal-Mosta, biex fost ir-Reċita tar-Rużarju u l-kant ta' l-Innijiet Marjani, titwassal sal-bidu ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku, fejn kienu miġbura eluf ta' Maltin li kienu ġew minn diversi



Il-vara ta' Santa Marija merfugħa mill-Familja Vassallo fil-Lejl Marjan fit-2 t'Awwissu 1975. (ritratt: Victor B. Caruana)

parroċċi ta' Malta għal dan il-Pellegrinaġġ u għall-Lejl Marjan.

L-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi kien ħareġ Ittra Pastorali fejn ħeġġeġ lill-Maltin biex jattendu bi ħġarhom għal dan il-Lejl Marjan. Għadni niftakar lis-Superjur Ġużeppi Schembri, Segretarju tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, li minn fuq il-bejt tax-*showroom* tas-Subaru, ħeġġeġ lill-poplu b'dawk l-invokazzjonijiet Marjani li kellu ħila kbira biex jagħmilhom. Bihom kien iqajjem entużjażmu kbir fost il-poplu. Mill-bidu ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku, beda l-Pellegrinaġġ Marjan bir-reċita tar-Rużarju u l-kant ta' l-Innijiet Marjani. Malli l-pellegrinaġġ wasal il-pjazza, l-Istatwa ta' Santa Marija tpoġġiet fuq il-bradella taħt il-Portiku tal-Knisja, bejn il-kolonni quddiem il-bieb il-kbir u Mons. Arċisqof flimkien mal-Vigarju Ġenerali, Mons. Ġużeppi Mercieca, mal-Kappillani li ġew numerużi u ma' għadd sabiħ ta' saċerdoti, mexxa l-Konċelebrazzjoni li għaliha attendew eluf ta' Maltin li ġew minn diversi parroċċi. It-tqarbin, għalkemm deher li ser ikun ta' problema, tmexxa b'ordni perfetta u fi żmien qasir.



Mons. Bezzina, dak iż-żmien Arċipriet, bil-kuruna qabel ma tpoġġiet fuq ras il-Madonna.
(ritratt: Victor B. Caruana)

Kienet lejla memorabbli li matulha kienet tidher devozzjoni sinċiera u ġie mogħti ġieħ għoli lill-Verġni Mtellgħa s-Sema.

## B. Jum l-Inkurunazzjoni

Il-jum tant mistenni speċjalment mill-Mostin, kien il-jum **10 ta' Awwissu 1975**: Jum l-Inkurunazzjoni. Sa minn fil-għodu, il-wiċċ tal-Mostin kien jixhed l-ferħ u l-entużjażmu li kienu ħerġin minn qalbhom. Dak inhar, il-Ħadd fil-għodu, saret il-festa ta' l-Ewwel Tqarbina u f'dik il-Quddiesa tqegħdet fuq ras l-Assunta kuruna ħajja ta' ġmiel liema bħalu, imżejna b'mija u tnejn u disgħin djamant ħaj, li kienu l-192 tfal li dak inhar fil-għodu irċevew l-Ewwel Tqarbina. Kienu 108 bniet u 84 subien. Dak il-ħin, il-Verġni Assunta żgur li ħarset lejn dawk it-tfal u qaltilhom: "*Intom il-kuruna tiegħi, intom il-ferħ tiegħi, intom l-għaxqa tiegħi*". Ta' min ifakkar li għal din l-okkażjoni, l-Arċisqof ta permess speċjali biex jirċievu l-Ewwel Tqarbina dawk it-tfal li kien jonqoshom 3 xhur għall-età ta' l-ewwel tqarbina.



Il-mument sollenni meta l-Arċisqof Gonzi poġġa l-kuruna fuq ras l-Assunta.
(ritratt: Jos. A. Vella FRPS, EFIAP, ES, FIAP)

Fis-6.30 pm., l-Arċisqof Mons. Gonzi skortat mill-Kavallerija wasal fl-Oratorju 'Qalb ta' Ġesù', fejn kienu jistennewh l-Isqof Ġużeppi Mercieca, Vigarju Ġenerali u l-Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex, diversi Monsinjuri u għadd kbir ta' iżjed minn mitt saċerdot sekulari u reliġjużi, ilkoll ħerqana biex jieħdu sehem fil-Konċelebrazzjoni sollenni ta' l-Inkurunazzjoni.

Il-Kavallerija tal-Pulizija, fetħet il-proċessjoni, l-Prim Imħallef, il-Prof. J.J. Cremona, żamm il-kuruna tad-deheb fuq imħadda tal-bellus blu skur. Fuq post speċjali fuq iz-zuntier tal-Knisja kienu preżenti l-Eċċellenza Tiegħu, il-President tar-Repubblika ta' Malta, Sir Anthony Mamo u s-Sinjura tiegħu.

Il-Konċelebrazzjoni sollenni żvolġiet ruħha fuq tribuna apposta fuq iz-zuntier tal-Knisja. Ma nistax insemmi dak kollu li sar għax ikolli nieħu fit-tul. Wara l-Vanġelu, Mons. Arċisqof niseġ omelija kommoventi li matulha kemm il-darba kien milqugħ minn ċapċip qawwi.

Il-ħin tant mistenni li fih il-qlub ħabbtu mgħaġġla wasal fis-7.40 pm. meta Mons. Arċisqof poġġa kuruna tad-deheb imbierka minnu fuq ras l-Assunta fost il-kant tas-Salve Reġina, id-daqq tal-qniepen, il-ferħ u ċ-ċapċip tal-poplu. Din ix-xena tas-sema ġiet minquxa f'moħħna u f'qalbna u żgur li l-mixja taż-żmien qatt ma jirnexxilha tħassar jew tnissi. Wara l-quddiesa, il-Kwadru ta' l-Assunta Inkurunata daħal fil-Knisja, tkantat l-Antifona ta' Santa Marija, tkanta l-Innu ta' ringrazzjament, it-*Te Deum*, u ngħatat il-barka ta' Ġesù Sagramentat.

Hekk ingħalqet dik il-ġurnata memorabbli ta' l-10 ta' Awwissu, Jum l-Inkurunazzjoni tal-Assunta u tniżżlet b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-Mosta.

## C. Jum l-Assunta

Il-festi ta' l-Inkurunazzjoni kellhom għeluq mill-isbaħ fil-festa ta' Santa Marija, il-Ġimgħa

**15 ta' Awwissu 1975**, li kienu mmexxija mill-Kardinal Corrado Ursi, li għalih kienet it-tieni żjara tiegħu fil-Mosta. Bil-manjieri dħulin tiegħu ġibed lejh il-poplu kollu. Dan deher fid-dimostrazzjoni li saritlu matul Triq il-Kungress Ewkaristiku, nhar il-Ġimgħa fil-għodu qabel ma beda il-Quddiesa Pontifikali ta' nhar Santa Marija.

Wara li għadda mill-pjazza tal-Mosta, skortat mill-Kavallerija tal-Pulizija, huwa baqa' sejjer fi Triq Kungress Ewkaristiku, fejn rikeb ġo karozzella u kien miġbud mill-poplu fost id-daqq tal-**Banda Nicolò Isouard**. Wara bdiet il-Quddiesa Pontifikali mmexxija mill-Kardinal Ursi, li kienet sollenni ħafna. Fl-omelija, wara li huwa reġa tenna t-tifsira li għandha ċ-ċerimonja ta' l-Inkurunazzjoni, ħabbar x'kien sejjer jagħmel fl-aħħar tal-quddiesa, ħaġa li l-poplu kien għadu ma jafx biha għax ma kienitx fil-programm. Huwa ħabbar li kien ser ipoġġi ċurkett prezzjuż f'wieħed mis-swaba ta' l-Istatwa ta' Santa Marija. Fisser li dan il-ġest, għandu tifsira ta' rabta u imħabba speċjali bejn Marija Assunta u l-poplu tal-Mosta, bħala patt ta' għerusija mistika. Difatti, wara li spiċċat il-quddiesa, il-Kardinal Corrado Ursi tela' fuq il-pulptu filwaqt li l-Istatwa ta' Santa Marija ġiet merfugħa u mwassla sa ħdejh, fejn hu xeddilha ċurkett f'wieħed mis-swaba ta' jdejha fost il-kant tas-Salve Reġina u ċ-ċapċip u l-ferħ tal-poplu.

Il-festi għalqu bil-proċessjoni bl-Istatwa ta' Santa Marija mmexxija mill-istess Kardinal Ursi.

F'qalbna ngħożżu t-tifkira ta' dawk il-festi. It-tifkira



*Il-Kardinal Ursi jpoġġi ċurkett prezzjuż f'wieħed mis-swaba tal-vara ta' Santa Marija nhar Jum il-Festa 1975. (ritratt: Jos. A. Vella FRPS, EFIAP, ES, FIAP)*



*Il-Kardinal Corrado Ursi ma' l-Arċipriet Dun Bert f'Awwissu 1975. (ritratt: Victor B. Caruana)*

tagħhom, ta' kull sena tqajjem fina ferħ u entużjażmu li jnisslu fina enerġija dejjem ġdida biex inħarsu 'l quddiem u nahdmu l-ħidma pastorali għal ġid ta' l-erwieħ.

Din il-ġrajja kbira ta' l-Inkurunazzjoni tax-Xbieha ta' l-Assunta hija mfakkra minn lapida mal-faċċata tar-Rotunda li tiddeskrivi dak li seħħ f'dawk il-festi. Hija mfakkra wkoll minn triq fil-Mosta li hija msemmija 'Triq l-Inkurunazzjoni'.

Kif wieħed jista' jara, jiena ktibt l-iżjed dwar festi interni u reliġjużi, imma rrid infisser kemm ħadem il-Kumitat għall-festi ta' barra u xi programm grandjuż fassal għal dawk il-festi.

Biex nagħti ħjiel ta' kemm kienet kbira l-ħidma li wettaq, infakkar:

* ***Tiżjin***: tlesta l-armar kollu tal-pjazza miż-żebgħa u l-irħamar tiegħu, flimkien mad-drapp tal-pjazza kif ukoll id-drapp li żejjen għall-ewwel darba il-kolonni tal-portiku tal-Knisja;

* ***Baned:*** ħadu sehem 7 baned, fosthom **La Vallette** u **King's Own** u l-**Banda Nicolò Isouard** tat 6 servizzi matul il-festi;

* ***Nar:*** id-Dilettanti tan-nar Mostin kellhom biċċa xogħol kbira biex jakkompanjaw il-festi kollha bil-murtali, murtaletti u murtali tal-kulur. Kienu ordnati 4 *Fireworks*, imma nħarqu tlieta għax wieħed minnhom, dak ta' Ħal Luqa, kien sploda qabel ma ħabuh il-Mosta. Kien hemm diversi kaxxi infernali fosthom 4 kbar ta' 1,200 il-waħda. Tnejn minnhom, dawk tal-ħruġ, li kienu beraq biss, ħadimhom is-sur Ġużeppi Briffa u kienu ħallsuhom il-Kuntratturi Mostin.

Dan huwa biss ħjiel ta' x'organizza il-Kumitat għall-

festi ta' barra u kemm ħadem biex organizza kollox bid-dettalji tiegħu.

***Mons., x'inhi l-opinjoni tiegħek dwar il-festi Maltin u l-iżjed dwar dik ta' Santa Marija li tiġi ċċelebrata fil-Mosta?***

Dwar il-festi Maltin ngħid li fil-maġġoranza tagħhom isiru sewwa. Il-poplu jkun jistennihom u jkun ilu jaħdem u jikkontribwixxi għalihom is-sena kollha. Isirulhom tħejjija xierqa.

Għal dik li hi l-festa ta' ġewwa, il-poplu jitħejja bit-tagħlim li jingħata matul it-Tridu, in-Novena jew il-Kwindiċina. Huwa mixtieq li jkun hemm attendenza akbar għal din it-tħejjija u l-iktar għall-paniġierku ta' nhar il-Festa.

Qegħdin isiru sforzi ġenwini biex fejn hemm xi pika jew xi firda, il-partijiet involuti jitressqu lejn xulxin u bejniethom jaqsmu l-ferħ tal-festi. Dawn l-isforzi diġa taw il-frott tagħhom u saru ġesti sbieħ ta' għaqda u solidarjetà. Il-briju u l-ferħ mhux ta' min iwarrabhom, imma kollox bil-qies u bil-prudenza u l-iktar b'ħafna imħabba u solidarjetà.

Fil-Mosta minn dejjem isiru festi sbieħ, organizzati tajjeb li jferrħu lil kulħadd. Din hi r-raġuni li ta' kull sena dawn il-festi jiġbdu folol kbar. Għall-festi ta' ġewwa jingħata tagħlim mill-isbaħ fuq il-Madonna, jiġu predikaturi li jkunu speċjalizzati fis-suġġett li jitkellmu fuqu u għalhekk in-nies tmur bi ħġara biex tisma' għhom. Il-qofol jkun dejjem il-paniġierku bħala l-kuruna tal-festa li għalih jkun hemm il-Knisja mimlija bin-nies. Hija festa msemmija minn kulħadd bħalha festa sabiħa ħafna, kwieta u devota. Nagħmlu ħilitna kollha biex il-Festa ta' Santa Marija fil-Mosta tkompli titfassal fuq dan l-istil għall-ġieħ ta' Sidtna Marija Mtellgħa s-Sema u biex tinżamm il-fama għolja li tgawdi l-Mosta.

***Mons., x'messaġġ tagħti lill-Mostin dilettanti tal-festa?***

Il-ħidma għall-festa mid-dilettanti Mostin għandha tkun apprezzata u nkuraġġita. Huma jgħaddu żmien twil mis-sena jippreparaw, jirrestawraw, jiżbgħu u jħejju drapp ġdid minn sena għall-oħra. Ħaġa ta' min jifraħ biha hi li minn żmien għall-żmien. dejjem jinbtu żgħażagħ ġodda kif ukoll tfal li jħossu fihom dik il-ġibda, dak id-delizzju għall-festa. Mhux ta' min inaffarhom nies bħal dawn, imma ta' min jedukahom u jħarriġhom biex jaħdmu b'imħabba u bi ftehim, kif ukoll b'sens ta' qima lejn min imexxihom.

O Bartolmew Appostlu
Qaddis Tal-Isem Tieghi
Gieh ta' Rahal Twelidi
Li Kilt Il-Hobz tal-Hajja
Minn Idejn L-Imghallem Tieghek
Hdimt Batejt u Mitt Martri
Biex Ixxandar Il-Vangelu Tieghu
Aqlghali Minn Ghandu
Fil-Jum
Tal-Ewwel Quddiesa Tieghi
Il-Grazja Li Naqdih u Nhobbu
Ghall-Glorja Tieghu
Ghall-Fidwa Tal-Erwieh ta' Huti

**Dun Bert Bezzina**

| | |
|---|---|
| Kattidral | Gharghur |
| 5 - VIII - 1951 | 19 - VIII - 1951. |

*Santa tifkira ta' Jum l-Ordinazzjoni Saċerdotali u l-Ewwel Quddiesa fl-1951.*

***Issa Mons., nafu kemm inti maħbub u rispettat fil-Mosta, iżda kemm bħala Arċipriet u kif ukoll bħal Monsinjur, ftit nafuk mill-qrib. Għalhekk, jekk tippermettili, nixtieq nistaqsik xi ħaġa dwar il-ħajja personali tiegħek. Mela, kif oriġinaw ismek u kunjomok, fejn u meta twelidt u meta ċċelebrajt l-Ewwel Quddiesa Sollenni tiegħek?***

Jiena twelidt fil-Parroċċa ta' San Bartilmew f'Ħal Għargħur fid-19 ta' Frar 1927 mill-ġenituri tiegħi Carmelo Bezzina u Caterina née Sciberras. Fil-magħmudija tawni l-isem ta' Bartolomeo għat-Titolar tal-Parroċċa u għan-nannu tiegħi min-naħa ta' missieri.

Temmejt l-istudji tiegħi fis-sena 1951 u fil-5 ta' Awwissu ta' l-istess sena ġejt ordnat saċerdot mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi fil-Katidral ta' l-Imdina. Iċċelebrajt l-Ewwel Quddiesa sollenni tiegħi fid-19 ta' Awwissu 1951, il-Ħadd qabel il-Festa ta' San Bert li f'dak iż-żmien kienet issir fil-ġurnata proprja, l-24 ta' Awwissu. Fil-quddiesa kelli l-Orkestra tal-Maestro Ġużeppi Camilleri, il-paniġierku nisġu l-Kappillan Dun Orazju Vella u l-parrini kienu Dun Karm Vella minn Għawdex u Dr. Salvino Xuereb L.L.D., il-papà ta' Dr. Joe Xuereb M.D. tal-Mosta.

Il-ħidma pastorali f'Ħal Għargħur ma tantx kienet twila, kienet sewwa sew mill-5 ta' Awwissu 1951 sal-15 ta' Frar 1954, sentejn u nofs. F'dak iż-żmien qasir, il-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Orazju Vella, kien ħarriġni sewwa fil-predikazzjoni. Niftakar li l-ewwel priedka li tani kienet dik ta' San Mikiel, f'Settembru tal-1951 u billi kien għadni m'għamiltx l-eżami għall-predikazzjoni, il-Kappillan kien mar għand il-Vigarju Ġenerali, l-Isqof Mons. Emanuel Galea, biex ġabli l-permess.

F'Jannar tas-sena 1954, waslitli n-nomina ta' Kappillan ta' Ħal Safi. Fraħt, għax il-ħajja pastorali kont inħobbha, imma tnikkit meta ġejt biex inħalli raħal twelidi, għax kont inħobbu u kelli qalbi marbuta miegħu. Għadni niftakar, tlaqt mir-raħal nhar il-15 ta' Frar 1954 wara nofs inhar, waqt li x-xita kienet qed traxxax u kien ħadni l-kuġin tiegħi, Bertu, taz-ziju Ġanni.

***Mons., jien niftakrek tirsisti u tħabbrek magħna tfal u żgħażagħ meta konna abbatini. Iżda meta preċiżament ġejt maħtur Arċipriet tal-Parroċċa tal-Mosta?***

Ħa ngħidlek, Frans. Fil-15 ta' Frar 1954, wasalt Ħal Safi. Hemm kien hemm saċerdot wieħed, Dun Ġwann Vella, li kellu villa kbira u sabiħa ħdejn il-Knisja. Kien anzjan u kien

jirrispettani ħafna. Ħadt il-pussess ta' Kappillan nhar il-Ħadd, 21 ta' Frar 1954. Mexxa l-funzjoni l-Vigarju Ġenerali, l-Isqof Mons. Emanuel Galea u l-parrinijiet tiegħi kienu Dun Orazju Vella, Kappillan ta' Ħal Għargħur, u Dun Salvatore Gauci, Arċipriet taż-Żurrieq, li qabel kien ukoll Kappillan ta' Ħal Għargħur.

Hekk bdejt il-ħidma pastorali f'Ħal Safi. Domt hemm sas-sena 1960. F'dik is-sena ħabat iċ-Ċentinarju ta' San Pawl. Billi t-Titolar ta' Ħal Safi huwa l-Konverżjoni ta' San Pawl, ġew organizzati festi kbar mifruxa fuq 15-il ġurnata. Billi s-soltu l-festa ta' San Pawl kienet issir fl-aħħar Ħadd ta' Jannar, għal dik is-sena ġie deċiż li l-festa tkun trasferita għax-xahar ta' Ġunju.



L-Arċipriet Dun Bert Bezzina ftit wara li ħa l-pussess tal-Parroċċa tal-Mosta fit-13 t'Awwissu 1960. (ritratt: Jos. A. Vella FRPS, EFIAP, ES, FIAP)

Għaċ-ċokon tar-raħal ta' Ħal Safi, ġew organizzati festi verament kbar li għadhom jissemmew sal-ġurnata tal-lum. Li xxellef xi ftit kien l-għeluq tal-festi, għax żammew lil San Pawl fuq iz-zuntier għal żmien twil, waqt li kien jitkanta l-'innu l-kbir', u l-murtali u l-kaxxi infernali b'xejn ma setgħu jaqtgħu, u daħal fil-11.00 pm! L-Aċisqof Gonzi li kellu jagħti l-Barka Sagramentali, u li kien qed jistenna għand is-Sorijiet Dumnikani ta' Ħal Safi, meta ra li damu ħafna, telaq u ma qagħadx għall-Barka! Wara xi jumejn, jien mort biex nitolbu skuża u niftakar li qalli: "Li kieku għadu jiffunzjona l-ħabs tal-Birgu, fih kont nixħtek," u jien kont weġibtu: "Kont taħjini, għax kont verament għajjien u kelli bżonn il-mistrieħ!"

Sadanittant, in-nomina ta' l-Arċipriet il-Ġdid tal-Mosta, kienet diġa lesta imma l-Arċisqof żammha sakemm jien kont lestejt il-Festi Ċentinarji ta' San Pawl f'Ħal Safi.

Għall-aħħar ta' Ġunju jew għal bidu ta' Lulju, l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi bagħtli n-nomina ta' Arċipriet tal-Mosta. Qaddist l-aħħar quddiesa f'Ħal Safi fl-10 ta' Awwissu 1960 u dritt tlaqt lejn il-Mosta.

Billi kienet qorbot il-festa ta' Santa Marija, il-poplu tal-Mosta xtaqni li nieħu l-pussess bħala Arċipriet, qabel il-Festa ta' Santa Marija. Il-ġurnata ġiet iffissata għat-13 ta' Awwissu. Żmien biex nipprepara ma kellix. Tlett ijiem biss. Wieħed jista' jobsor kif kont mifxul biex inħejji kollox fi żmien hekk qasir.

Il-Vigarju Ġenerali, l-Isqof Emanuel Galea, kien imsiefer u l-Arċisqof iddelega lill-Arċidjaknu, Mons. Apap Bologna, biex jippresjedi ċ-ċerimonja tal-pussess. Insejt ħafna affarijiet minn dak li kien seħħ imma niftakar tajjeb lil Dun Karm Dingli jaqra d-digriet tal-ħatra.

Niftakar li xi ftit qabel il-pussess, kien ġie għandi l-President tal-Każin tal-Banda, is-sur Ġużè Cauchi, u offrieli s-servizz tal-**Banda Nicolò Isouard**, li jiena bil-qalb kollha lqajt.

Wara l-pussess, morna l-Oratorju 'Qalb ta' Ġesù' fejn sar it-trattament. F'nofs it-trattament, ġew għalija biex immur il-Knisja biex nintona s-Salve Reġina u ngħalaq it-Tridu, għax dak iż-żmien kien hemm id-drawwa li l-Arċipriet jagħlaq it-Tridu ta' Santa Marija. Hekk dak inhar intemmet għalija ġurnata hekk impenjattiva u hekk ta' ksur ir-ras. Dik il-festa ta' Santa Marija tas-sena 1960, fakkret il-mitt sena minn meta kien tlesta l-bini tar-Rotunda. Niftakar kien mexxa l-quddiesa pontifikali, l-Arċisqof Mons. Gonzi u niseġ il-paniġierku Mons. Lawrenz Spiteri.

Din kienet l-ewwel esperjenza tiegħi tal-festa ta' Santa Marija fil-Mosta.

***Mons., għidli ftit, kif kienu l-ewwel żminijiet tas-sittinijiet li ġejt il-Mosta u kif inbidlu matul iż-żmien?***

Iż-żmien tas-sittinijiet ma tantx kien żmien feliċi. Inhares lejh bħalha żmien iddominat minn żewġ fatturi:

* **Il-kwistjoni politiko-reliġjuża**

* **Ir-riforma Liturġika wara l-Konċilju**

Il-kwistjoni politika reliġjuża kienet kwistjoni taħraq ħafna. Mill-banda waħda ridt nobdi d-direttivi li nirċievi mingħand is-Superjuri tiegħi, mill-banda l-oħra ridt nimxi dejjem b'qalb ta' missier, qalb li tagħder u tittollera. Niftakar ġrajja li baqgħet impressjonata f'moħħi. Kelli l-missieri mejjet id-dar fis-sena 1962. Ċempilli wieħed mill-Kappillani u staqsieni: "Inti kif dħalt tbierek lit-tali u lit-tali?" Weġibtu: "Jiena bħalissa ma għandiex moħħ dawn l-affarijiet; bħalissa lil missieri mejjet għandi quddiemi." Imbagħad skuża ruħu. Dan biex wieħed jifhem kemm il-kwistjoni politiko-reliġjuża kienet serja u ta' ksur ir-ras.

Rigward ir-riforma Liturġika, wieħed irid jgħid li ma kienitx ħaġa ħafifa taqbad u tbiddel drawwiet li kienu ilhom jeżistu snin twal. Hekk meta ġejna biex nibdlu l-ilsien fil-quddiesa u mil-Latin ngħaddu biex inqaddsu bil-Malti, mhux kulħadd kien dispost li jagħmel dan, għax kien isib xi diffikultà. L-istess meta ġejna biex inqaddsu wiċċna lejn in-nies, kien hemm min ħassu stramb biex jagħmel hekk. Wieħed kellu jagħder, jittollera u jħalli ż-żmien iderri u jwassal għar-riforma liturġika sħiħa li bdejna ngawdu skond l-Ispirtu tal-Konċilju Vatikan II.




L-Arċipriet B. Bezzina mal-Kardinal Corrado Ursi u l-Isqof E. Galea fil-festi tal-100 sena mill-Konsagrazzjoni tar-Rotunda f'Ottubru 1971.

Dan biex semmejt xi ħaġa żgħira mill-esperjenza li għaddejt minnha fiż-żmien tas-sittinijiet.

***U x'inhuma l-akbar sodisfazzjonijiet li kellek matul iż-żmien tiegħek bħala Arċipriet fil-Mosta?***

Sodisfazzjonijiet kelli ħafna. Ta' kull sena kienet ta' sodisfazzjon kbir għalija l-festa ta' l-Ewwel Tqarbina. Konna nagħmlu diversi laqgħat biex tkun organizzata tajjeb. Kont inħoss ferħ f'qalbi waqt li kont immexxi l-Quddiesa li fiha ssir l-Ewwel Tqarbina tat-tfal.

Ta' kull sena kienu ta' sodisfazzjon għalija l-festa ta' '*Corpus*' u speċjalment il-festa tal-Qalb ta' Ġesù. L-istess kien iż-żmien li fih kont Arċipriet meta daħlu fil-Mosta l-Moviment Post-Konċiljari, bħalma huma: il-Kariżmatiċi u n-Neo Katekumenali li kellhom ikunu bħal ħmira fil-Parroċċa u llum jinħass sewwa l-effett tagħhom.

Ma rridx ma nagħtix każ lil kulħadd dak li ħaqqu u ma nsemmix il-ħidma kbira li wettqu u għadhom iwettqu fil-Parroċċa: l-Azzjoni Kattolika, il-Leġjun ta' Marija u s-Soċjetà tal-Museum. Jisthoqqilhom apprezzament għoli għad-dedikazzjoni tagħhom u għall-ħidma li jwettqu b'ħafna sagrifiċċji. Kien ta' sodisfazzjon għalija l-akkwist ta' żewġt idjar bħala ċentru tad-duttrina għat-tfal bniet: id-dar fi Triq il-Pont u d-dar fi Triq it-Torri.

Kien hemm diversi ġrajjiet oħra li kienu ta' sodisfazzjon għalija. L-ikbar fosthom l-ġrajja ta' l-Inkurunazzjoni ta' l-Assunta meqjuma fil-Kwadru tal-Kor tar-Rotunda li tagħha din is-sena ser infakkru l-25 Anniversarju.

***Mons., aqtagħli kurżità. Semmejt li kont tħobb ħafna raħal twelidek, Ħal Għargħur. Mela x'kienet ir-raġuni li bqajt toqgħod il-Mosta?***

Interessanti din. Qabel ma ħallejt raħal twelidi biex mort Ħal Safi, missieri kera d-dar lill-kuġin Pawlu li mar joqgħod fiha u rabba hemm il-familja tiegħu fejn għadha toqgħod sal-lum. Mill-banda l-oħra, oħti Ġużeppa kienet tgħidli: "Kemm nixtieq dar ħdejn il-Knisja biex ma jkollix bogħod biex immur nisma' l-Quddies." Ġara li s-sidien tad-dar fejn noqgħod illum riedu jbiegħuha. Avviċinawni u staqsewni jekk ridtx nixtriha jien. Jien aċċettajt allavolja kienu joqgħodu n-nies fiha u xtrajt id-dar. Imma r-raġuni prinċipali li għaliha bqajt noqgħod il-Mosta kienet li wara 21 sena li kien ili noqgħod hemm, jiena drajt ħafna lill-Mostin u l-Mostin draw lili. Qalbi ntrabtet mal-Mosta u bqajt noqgħod il-Mosta. Fl-10 ta' Awwissu 2000 nagħlaq 40 sena li ili noqgħod il-Mosta!



Is-Seminarista Bartolomeo Bezzina.

***Aktar dwar il-ħajja tiegħek. Forsi ftit kien jibqalek ħin liberu, iżda kif kont tqattgħu? X'passatempi għandek issa u/jew meta kont żgħir?***

Kif għidt int, ħin liberu ftit kien jibqgħali. Kont inħobb naġġorna ruħi u nisma' l-aħbarijiet u kont inħobb nara xi partita futbol ta' prestiġju. Il-passatemp, jekk tista' ssejjaħlu hekk, kien u għadu li meta tkun waslet xi festa Liturġika, nieħu f'idejja il-'*Liber Usualis*', il-ktieb tal-Kant Gregorjan, u nipprova nkanta l-kant kollu marbut ma' dik il-festa li tkun waslet. Dan il-kant joħloq fija atmosfera ta' ferħ u jerġa' jfakkarni f'dak iż-żmien li kont inkanta dak il-kant meta kont għadni seminarista.

***Mons., l-ewwelnett nixtieq nirringrazzjak tal-intervista interessanti li għoġbok tagħtina. Ċertament li sirna nafuk aħjar u napprezzaw aktar il-ħidma tiegħek fostna fil-Mosta. Qabel nispiċċaw, għandek xi messaġġ li tixtieq twassal lill-Mostin?***

Il-messaġġ tiegħi lill-Mostin huwa messaġġ ta' awgurju għall-imħabba ta' bejniethom, imħabba li ġġib l-għaqda u l-ferħ ġenwin. Inwarrbu minna dak kollu li jista' jġib il-firda, bi kliem jew għemil, u nħabirku għal dak kollu li jġib l-għaqda.

Ngħinu dejjem lil xulxin, ngħinu u niftakru f'dawk li huma morda, dawk li huma waħedhom, dawk li jħossuhom imwarrbin. Nagħtuhom xi ftit minn ħajjitna billi nagħtuhom xi ftit mill-ħin tagħna.

Ngħożżu lit-tfal tagħna billi ngħinuhom jikbru fit-tul, fil-għerf u fil-qdusija, bħalma għenu jikber 'l Ġesù l-ġenituri tiegħu. Ngħinuhom l-iżjed bl-eżempju t-tajjeb li nagħtuhom.

J'Alla l-Verġni Marija Mtellgħa s-Sema żżommna lkoll taħt il-mant tagħha bħalma l-qroqqa żżomm taħt ġwejħajha l-flieles tagħha. Bis-sħana ta' imħabbitha tiġġenera fina l-enerġija spiritwali qawwija li biha jirnexxielna naslu lkoll fil-vera art twelidna, il-ġenna.